**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 116 tat-2 ta' Mejju 2023 dwar xhieda mogħtija quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-Seduta 114 tal-25 ta' April ta' din is-sena, l-Onor. Darren Carabott bħala Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi talab lid-Deputy Speaker, li dakinhar kien qed jippresjedi l-Kamra, fejn qal hekk:

> "Sur President, nagħmel referenza għal dak li seħħ illum fil-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, fejn quddiemna kellna mħarrek bħala xhud lis-Sur Keith Schembri. Nitolbok sabiex tipprovdi gwida kif il-Kumitat jista' jimxi 'l quddiem hekk kif illum is-Sur Keith Schembri rrifjuta li jirrispondi d-domandi u meta mistoqsi raġuni għalfejn, kif jipprovdu l-linji gwida - għaliex il-linji gwida tal-PAC jipprovdu ċar u tond li l-unika istanza fejn persuna tista' ma tagħtix ix-xhieda tagħha hi jekk tkun se tinkrimina lilha nnifisha - irrifjuta li jagħti dik ir-raġuni, u minflok ta raġuni oħra li mhijiex skont il-proċeduri tal-Kumitat. Għaldaqstant nitolbok sabiex tipprovdi gwida ta' kif nistgħu nimxu 'l quddiem bħala Kumitat."

Hawnhekk id-Deputy Speaker staqsa jekk hemmx aktar rimarki, li ma kienx hemm, u qal li r-ruling jingħata fi stadju ulterjuri, u għadda għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

Is-Sedja bdiet billi rat it-traskrizzjoni kollha tal-laqgħa 27 tal-25 ta' April 2023 tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u tagħmel referenza minnufih għal dak li effettivament intalab waqt din is-seduta.

Meta bdiet il-laqgħa, Dr Edward Gatt, l-avukat tax-xhud Keith Schembri, qal hekk:

> "Xtaqt inkun naf, jekk jogħġbok, jekk l-aħħar żvilupp li kien hemm meta ġie rrapportat lill-Pulizija min-naħa tiegħek, l-Onor. Agius u l-Onor. Bencini, kinitx xi ħaġa li kienet spinta mill-Kumitat jew saritx fil-vesti personali tagħkom."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "Le, kif ġie ppubblikat permezz ta' stqarrija saret mit-tliet Membri tal-Oppożizzjoni."

Hawnhekk Dr Gatt qal:

> "Fil-vesti personali tagħkom."

Iċ-Chairperson qal:

> "Fil-vesti tagħna bħala Membri tal-Kumitat."

Dr Gatt reġa' rrisponda:

> "Fil-vesti bħala membri tal-Kumitat?"

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

> "Ma kenitx deċiżjoni tal-Kumitat."

Iċ-Chairperson qal:

> "Staqsa lili imma ma ġara xejn."

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield reġa' rrimarka:

> "Kien hemm is-Sinjuri li huma Membri tal-Kumitat imma ma kinux qed jirrappreżentaw lill-Kumitat, kienu qed jirrappreżentaw lilhom.
>
> Deċiżjonijiet tiegħu huma pubbliċi. M'hemm l-ebda Minuta li tgħid li l-Kumitat iddeċieda li jagħmel dak ir-rapport. Ir-rapport sar."

Hawnhekk Dr Gatt irrimarka:

> "Jiġifieri r-rapport fil-vesti tagħkom personali bħala Membri f'dan il-Kumitat."

Iċ-Chairperson reġa' rrisponda:

> "Mhux fil-vesti personali. Fil-vesti tagħna bħala Membri."

Hawnhekk Dr Gatt reġa' rrisponda u rrimarka:

> "Mela jien xtaqt nitlob li jkun hemm Ruling li t-testimonjanza tal-patroċinat tagħna tiġi sospiża biex nistennew l-eżitu ta' dak li rrapportajtu intom."

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda minnufih:

> "Jiġifieri int qed tagħmel talba issa għal Ruling mill-Ispeaker fuq … Trid tifhem li dak ir-rapport sar kemm minħabba x-xhieda tas-Sur Schembri quddiem dan il-Kumitat li qal li kien hemm inkonsistenzi."

Hawnhekk Dr Gatt irrisponda:

> "Dak x'għedt int. Dak x'qal ir-rapport."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "Dak x'qal is-Sur Schembri kelma b'kelma. Jekk trid inġibu t-transcript ta' dak li qal u naqraw x'qal flimkien."

Hawnhekk Dr Gatt qal:

> "Ma naħsibx li hemm għalfejn."

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda:

> "Nerġgħu nidħlu flimkien x'qal, li kien hemm żewġ min-nies li ħadu ġurament falz, li gidbu taħt ġurament. Dak id-diskors li qal, fl-istess ħin, quddiem dan il-Kumitat."

Hawnhekk Dr Gatt irrisponda:

"L-argument tagħna mhuwiex dak."

Imbagħad iċ-Chairperson qal:

"Ippermettili, Dr Gatt, ħalli nlesti."

Dr Gatt qal:

"It-talba qed nagħmilha jien u qed titkellem int."

Iċ-Chairperson qal:

"Ippermettili għax tajjeb nippreċiżaw ċerti affarijiet li ngħadu quddiem dan il-Kumitat. Fl-istess ħin, kien hemm ukoll xhieda li ġew quddiem dan il-Kumitat li qalu verżjoni differenti mix-xhud tiegħek, jiġifieri mhijiex kwestjoni ta' jekk hux qed nemmnu naħa jew oħra. Aħna rajna li hemm konflitt fil-verżjonijiet tagħhom u verità waħda biss teżisti. Meta rajna dawn l-inkonsistenzi quddiem dan il-Kumitat aħna tlabna li l-Pulizija għandhom jidħlu u jinvestigaw dak li ġara."

Hawnhekk Dr Gatt irrisponda:

"Issa t-talba tagħna hija, ladarba pending procedures, iddeċidejtu li tagħmlu dik l-azzjoni. Xtaqt nitlob Ruling u t-talba hija biex id-depożizzjoni tiegħu tkun sospiża, pending riżultat, jekk se jkun hemm, fuq dak li tlabtu intom stess. Naħseb aktar minn hekk …"

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

"Il-proċeduri quddiem il-Pulizija."

Reġa' rrisponda Dr Gatt li qal:

"Se tivverbalizzaha t-talba?"

Iċ-Chairperson qal:

"Tista' tivverbalizzaha."

Hawnhekk ġiet verbalizzata t-talba ta' Dr Gatt li qal hekk:

"Dr Gatt, għan-nom ta' Keith Schembri, qed jitlob li jingħata Ruling mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fis-sens li d-depożizzjoni tax-xhud Keith Schembri tkun sospiża, pendenti l-eżitu, jekk ikun hemm, tar-rapport li sar lill-Pulizija mit-tliet Membri tal-Oppożizzjoni fuq dan il-Kumitat."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

"Dr Gatt, għall-finijiet ta' deċiżjoni, jien, safejn isservini l-memorja, fil-fatt se nitlob li wara li nagħmel dan l-istatement se niċċekkja ħalli nkun ċert però Ruling jintalab mill-Membri tal-Kumitat u mill-Membri tal-Kamra."

Hawnhekk Dr Gatt qal:

"Jien qed nagħmel it-talba, issa araw intom."

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda hekk:

"Jien se nissospendi dan il-Kumitat. Se niċċekkja l-Istanding Orders xi jgħidu, niġi lura u nikkomunika dak li jgħidu l-Istanding Orders sabiex nimxu mal-Istanding Orders."

Hawnhekk imbagħad il-Membri kollha ħarġu mill-kamra biex jikkonsidraw din it-talba għal Ruling. Ftit wara ċ-Chairperson u l-Membri daħlu lura fil-kamra tal-Kumitat fejn wara s-sospensjoni ċ-Chairperson qal hekk:

"Ivverifikajna ftit l-Istanding Orders, u nagħmel referenza għall-Ordni Permanenti 62 li jaqra hekk:

"Fuq kwestjoni ta' ordni li tiġi mqanqla fil-Kamra, il-Membru msejjaħ għall-ordni għandu jerġa' jeħu postu u wara li tingħad il-kwestjoni ta' ordni lill-Ispeaker, mill-Membru li jqum fuq kwestjoni ta' ordni, l-Ispeaker għandu jagħti deċiżjoni tiegħu dwarha u dik id-deċiżjoni m'għandhiex tiġi diskussa matul dik is-seduta. Iżda kull Membru jkun jista', b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra. Dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-Minuti tal-proċeduri tal-Kamra."

Imbagħad iċ-Chairperson qal hekk:

"L-aktar importanti hija l-ewwel parti li fiha hemm ċar li Membru jista' jitlob Ruling quddiem l-Ispeaker. Din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata u verifikata bl-opinjoni tal-Ispeaker u l-Clerk of the House u għalhekk fid-dawl ta' dik it-talba, la ma kienx hawn Membru minn dan il-Kumitat li qed jagħmel dik it-talba, dik it-talba ma tistax tintlaqa'."

Hawnhekk minnufih Dr Gatt irreaġixxa u qal hekk:

"Mela bħala konsegwenza se nagħmel talba oħra, jekk jogħġbok. Se nitlob lill-Membri tal-Kumitat biex jiddeċiedu huma bħala Membri jekk għandux ikun hemm talba mill-Kumitat, mhux mix-xhud, lill-Ispeaker biex jagħti Ruling fuq il-punt imqajjem. Qed nagħmel it-talba mhux lill-Ispeaker kif għamilt preċedentement, qed nagħmilha lilkom."

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda hekk:

"Dr Gatt, meta qajjimt dan il-punt, kull Membru hawnhekk seta' jqum u jappoġġa t-talba tiegħek."

Imbagħad Dr Gatt qal:

"Qed nagħmel talba oħra. Qed nagħmel stedina."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

"Jekk hawn Membru li jixtieq jagħmilha tiegħu dik it-talba, jista' jqum u jagħmilha."

Imbagħad Dr Gatt qal:

"Dr Edward Gatt għax-xhud qed jitlob lill-Membri tal-Kumitat sabiex in vista taċ-ċirkostanzi partikolari li nqalgħu wara r-rapport lill-Pulizija li sar wara l-aħħar udjenza, ikunx opportun li xi Membru jitlob li jingħata Ruling mill-Ispeaker dwar jekk it-talba għas-sospensjoni tax-xhieda għandhiex tingħata fiċ-ċirkostanzi."

Jekk trid li nallontanaw ruħna u tiddiskutu ..."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

"Jekk hawn xi Membru li jixtieq jagħmel dik it-talba tiegħu jagħmilha, issa ċ-ċans biex jagħmilha."

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

"Għandna talba li ma nistgħux ninjorawha. Naħseb tajjeb li niddiskutuha."

Kien hawnhekk li ċ-Chairperson qal:

"Ladarba hawn talba għal diskussjoni, se nitlobkom toħorġu imma xorta ibqgħu fi-viċinanzi għax jista' jkun li ngħajtulkom biex tidħlu lura. Anzi, ħa nikkoreġi ruħi, vi jew va, se ngħidulkom biex tidħlu lura ħalli nikkomunikaw id-deċiżjoni. Qed issir talba għal sospensjoni mill-Onor. Bedingfield. Il-Kumitat huwa sospiż."

Imbagħad wara li kien hemm it-talba għas-sospensjoni ċ-Chairperson qal hekk:

"Wara t-talba għas-sospensjoni l-membri tal-Kumitat ivverifikaw għalihom dak li konna qegħdin ngħidu qabel. Dr Gatt, u nagħmel referenza għas-Sur Schembri, għax lilu għandi quddiemi. Sur Schembri, saret il-komunika mill-avukat tiegħek u saret talba lill-membri individwali jekk hemmx xi ħadd li jixtieq jagħmel dik it-talba tiegħu. Jien se npoġġi din id-domanda dwar jekk hawnx Membru minn dan il-Kumitat li jixtieq jagħmel dik it-talba ta' Dr Gatt għan-nom ta' Keith Schembri tiegħu. Jekk le, dan il-Kumitat se jkompli bid-domandi tiegħu. Dejjem dwar l-artiklu ċitat u fl-istess ħin b'rispett għal-linji gwida li dan il-Kumitat jimxi magħhom. Minbarra l-Ordnijiet Permanenti, hemm il-linji gwida wkoll.

Hawn xi Membru ta' dan il-Kumitat li jixtieq jagħmel tiegħu t-talba ta' Dr Gatt għan-nom tas-Sur Keith Schembri?"

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

"Naħseb li għandha tkun talba, għandha tkun talba tal-Kumitat u mhux ta' xi Membru individwali."

Iċ-Chairperson qal:

> "Hekk hu. Hawn xi ħadd li jrid jagħmel din it-talba? Hawn xi ħadd irid jagħmel din it-talba tiegħu, u jressaq it-talba?"

Hawnhekk reġa' qam l-Onor. Glenn Bedingfield u reġa' insista u qal hekk:

> "Tkun tal-Kumitat, mhux ta' Membru."

Iċ-Chairperson qal:

> "Qed neħodha li m'hawn l-ebda Membru li jrid jagħmilha tiegħu. Issa ċ-ċans. Tajjeb. M'hawn l-ebda Membru minn dan il-Kumitat li jrid jagħmel din it-talba f'ismu, kif qal Dr Gatt, għan-nom tas-Sur Keith Schembri."

Hawnhekk imbagħad ir-reazzjoni ta' Dr Edward Gatt għan-nom tax-xhud Keith Schembri kienet din:

> "Jien se ninforma lill-Kumitat li *in vista* ta' dawn id-deċiżjonijiet, il-klijent tiegħi, din id-darba ... Il-klijent tiegħi kif tafu intom ..."

Imbagħad iċ-Chairperson kompla:

> "Dejjem, ovvjament. Mela, saritli komunika mill-Iskrivan tal-Kamra. Dan kollu qed jingħad dejjem mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri fil-qrati."

Hawnhekk Dr Gatt qal:

> "Fil-fatt kont ġej għaliha. Li qed ngħid huwa dan ..."

Iċ-Chairperson qal:

> "Jekk tippermettili, kemm inżid xi ħaġa oħra biss. Dak li qed nagħmlu hawnhekk aħna, aħna għandna l-linji gwida ta' dan il-Kumitat. Dan il-Kumitat jimxi skont il-linji gwida u skont ir-Rulings li jingħataw mill-Ispeaker u skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Parlament. Jien iċċitajthom, ikkwotajthom, u dawk id-deċiżjonijiet se nimxu magħhom. Id-deċiżjonijiet, flimkien mal-Ordnijiet Permanenti u l-linji gwida huma fuqiex aħna rridu nimxu u nieħdu d-deċiżjonijiet. Id-deċiżjoni tagħna, kif ikkomunikajnieha."

Imbagħad hawnhekk Dr Gatt qal:

> *"In vista* ta' dawn l-iżviluppi ... Mhux tal-iżviluppi tal-lum, tal-iżvilupp tar-rapport li għamilt inti u l-kollegi tiegħek, il-parir li qed nagħtu lill-klijent tagħna huwa li huwa ma jweġibx għad-domandi llum għaliex ovvjament irridu gwida mill-Qorti Kostituzzjonali, kemm minħabba l-kwestjoni tas-sospensjoni mid-depożizzjoni ... Tinsiex li qed nitolbu sospensjoni. Mill-ewwel ġurnata li ġejna hawn il-klijent tagħna dejjem wera x-xewqa li jikkollabora u jwieġeb, kif fil-fatt għamel s'issa. Ovvjament ma konniex qegħdin nistennew li f'dan l-istadju jkun hemm dak li ġara; l-ewwel nett għax ma naqblux mal-kontenut tar-rapport; u wkoll għaliex ovvjament aħna

m'għandniex ... (Interruzzjonijiet) Rapport li għamiltu intom. It-talba, rapport, sejjaħlu li trid. Rapport tagħmel lill-pulizija. M'aħniex naqblu mal-kontenut tar-rapport u lanqas mal-fatt li sar minn Membri tal-PAC. Se mmorru l-Qorti Kostituzzjoni fuq dan il-punt. *Sia* fuq dan il-punt tas-sospensjoni u anke fuq l-applikabbilità tal-artikolu tal-liġi li inti bħala Chairman ikkwotajt."

Dr Gatt kompla hekk:

"Aħna qed ngħidu li l-Istanding Order ma japplikax għall-PAC imma *se mai* japplika quddiem il-forum tal-Parlament. Se nieħdu guidelines mill-Qorti Kostituzzjonali."

Dr Gatt kompla:

"Imma aħna ma naqblux li inti għandek tkun gatekeeper għall-Ispeaker. Issa tiddeċidiha l-qorti. Dak li qed ngħid, kif tafu intom, ma nafx hux quddiemkom jew PAC differenti, diġà kien leġittimat mill-Qorti Kostituzzjonali, għax hemm ġurisprudenza li taw ir-raġun għat-talba li qed nagħmlu aħna. Mill-bqija, jekk tħoss li għandkom tkomplu bid-domandi, araw intom. Dik hija l-pożizzjoni."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal li ma jridx jidħol f'dibattitu ma' Dr Gatt u li f'dan l-istadju dan il-Kumitat irid jimxi mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u mar-Rulings u qal:

"La ma kien hawn ebda Membru li għamel dik it-talba għas-sospensjoni tiegħu, se jkolli nimxi bid-domandi. Se nagħmel id-domandi, għaliex istanza li xhud jista' ma jweġibx qiegħda spjegata fil-linji gwida, li hija soġġetta li ma jinkriminax lilu nnifsu. Il-linji gwida jagħmluha ċara. Dik hija l-unika istanza."

Imbagħad Dr Gatt reġa' rriafferma l-pożizzjoni tiegħu għax-xhud Keith Schembri.

Imbagħad iċ-Chairperson qal hekk:

"Jien f'dan l-istadju se nagħmel id-domandi. Ix-xhud għadu ma rrifjutax li jirrispondi s'issa. L-avukati tiegħu tkellmu. (Interruzzjonijiet) L-avukat tiegħu ddikjara. Jien se nagħmel id-domandi, imbagħad ix-xhud jiddikjara hu kif se jkun qiegħed iwieġeb."

Hawnhekk iċ-Chairperson kompla qal hekk:

"Sur Schembri, l-istess ġurament li kellek fiż-żewġ seduti japplika għal-lum ukoll. Jien se nagħmel id-domandi tiegħi u inti għandek l-obbligu li tirrispondi dan il-Kumitat ħlief l-istanza kif qiegħda fil-linji gwida li ma inti ma tinkriminax lilek innifsek."

Id-domanda li saret hija:

"L-aħħar darba inti għidtilna li Egrant ma ntużatx. Kif taf li l-kumpanija Egrant ma ntużatx?"

Hawnhekk is-Sur Schembri qal hekk:

"Niddeċiedi li ma nweġibx minħabba l-kawża kostituzzjonijali li se tinfetaħ within the next two days."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

> "Id-domanda għamilthielek. Se nerġa' nispjegalek ċar u tond u jekk trid inġibulek kopja tal-linji gwida, għalkemm kif taf, inti assistit b'żewġ avukati u kapaċi jiggwidawk huma. Fil-guidelines hemm ċar li l-unika istanza li fiha ma tistax tirrispondi d-domandi tagħna ... Ma nafx jekk hux qed tismagħni, Sur Schembri. L-unika istanza li fiha inti ma tistax twieġeb hi jekk inti se tinkrimina lilek innifsek. Allura jien se nistaqsik: Din id-domanda li għamiltlek qabel, li inti taf li Egrant ma ntużatx - kif taf staqsejtek jien – se tagħżel li ma tirrispondix għaliex se tinkrimina lilek innifsek?

Is-Sur Schembri wieġeb:

> "Mhux se nirrispondi biex nistenna l-eżitu tal-kawża Kostituzzjonali."

Il-pożizzjoni baqgħet l-istess u mbagħad iċ-Chairperson qal:

> "Mela f'dak il-każ jien se nistenna li tibda s-seduta fil-Plenarja u nagħmel il-komunika lill-Ispeaker għaliex dik hija l-unika rotta li dan il-Kumitat għandu fejn xhud ma jikkollaborax ma' dan il-Kumitat u ma jirrispondix għad-domandi li jsirulu, bl-eċċezzjoni ta' dik il-klawsola li kkwotajt l-ewwel. Se nkun qiegħed nagħmel talba lill-Ispeaker sabiex jipproċedi minn hemmhekk u jagħtina gwida ta' kif għandu jimxi dan il-Kumitat. Ta r-raġuni tiegħu. Jien ikkwotajt liema hi l-unika istanza u hu kkwota r-raġuni tiegħu."

Is-Sedja tinnota li waqt li kienet qed tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dan ir-Ruling, saret kawża kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Keith Schembri vs l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. David Agius, l-Onor. Graham Bencini, l-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu u l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għal kull interess li jista' jkollu" (Rikors Nru 221/23 GM). F'din il-kawża saret referenza għal dak li nqala' fl-aħħar seduta tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi u għat-talba tax-xhud sabiex tiġi sospiża d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-istess Kumitat. Saret referenza wkoll li wara li huwa kien qed jirrispondi għad-domandi kollha li jsirulu, talab li f'din l-istanza tiġi sospiża d-depożizzjoni tiegħu *stante* li l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. David Agius u l-Onor. Graham Bencini għamlu rapport lill-Pulizija fejn talbu illi l-istess xhud Keith Schembri u żewġ xhieda oħra jiġu investigati dwar ġurament falz quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Għalhekk ix-xhud Keith Schembri talab biex il-Qorti tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar jekk l-Onor. Carabott, l-Onor. Agius u l-Onor. Bencini, jew min minnhom, jista' jkun li lledew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq, liema smigħ xieraq huwa protett taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda ta' Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent Keith Schembri talab ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex tiddikjara jekk l-Ordni Permanenti 62 jipprekludix xhud f'Kumitat Parlamentari milli jagħmel talbiet lill-Ispeaker għall-protezzjoni tad-dritt tiegħu. Huwa talab ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex tieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex is-smigħ tax-xhieda tiegħu tiġi sospiża sakemm ikun hemm l-eżitu tal-istess investigazzjoni kriminali fuq sperġur mitluba mill-Onor. Carabott, l-Onor. Agius u l-Onor. Bencini.

Is-Sedja tifhem li dan huwa każ partikolari u li jidher li dan huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-esperjenza tal-istess Sedja fejn Membri ta' Kumitat Parlamentari jew uħud minnhom

– f'dan il-każ kien hemm tlieta minnhom – jagħmlu rapport għall-investigazzjoni lill-Pulizija b'mod dirett u jkunu l-istess Membri li jkomplu bis-servizz tagħhom fil-Parlament fil-konfront tal-istess xhud meta talbu investigazzjoni dwar sperġur fil-konfront tiegħu. Is-Sedja, mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-każ tinnota illi l-linji gwida ma jikkontemplawx każ bħal dan ċjoè fejn fl-istess waqt li qed jixhed xhud isir rapport għall-investigazzjoni ta' sperġur fil-konfront tal-istess xhud li jkun qed jiġi mħarrek biex ikompli x-xhieda tiegħu, u dan quddiem l-istess Membri jew uħud minnhom li jkunu għamlu l-istess rapport.

Barra minn hekk is-Sedja tinnota wkoll li hija stess ġiet imħarrka fil-kawża kostituzzjonali u allura għad trid tagħmel il-pożizzjoni tagħha fir-risposta li qed tħejji wara li ġiet notifikata bir-rikors kostituzzjonali.

Għaldaqstant is-Sedja tħoss li fiċ-ċirkostanzi għandha tagħti direzzjoni u tirrakkomanda li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu, ladarba hemm din il-kawża kostituzzjonali li ġiet intavolata b'mod kważi immedjat wara l-laqgħa tal-Kumitat inkwistjoni, jistenna l-eżitu u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali qabel ikompli bil-mistoqsijiet lix-xhud Keith Schembri.

Is-Sedja qiegħda tagħmel din ir-rakkomandazzjoni biex tiġi evitata l-possibilità li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jinstab li jkun qiegħed in breach tad-drittijiet fundamentali tal-istess xhud Keith Schembri kif intavolati fir-rikors kostituzzjonali msemmi aktar 'il fuq.

Dan kif jingħad fl-istess Erskine May, fil-parti bl-isem "Reliance on Parliamentary Proceedings", fejn jingħad dan li ġej:

> "it was therefore for the courts, not the select committee, to decide questions of law.".

Hawnhekk issir referenza għal diversi kawżi deċiżi mill-Qrati Ingliżi u jingħad ukoll dan li ġej:

> "... the court expanded on the second point to state that in general the opinion of a parliamentary committee will be irrelevant to the issues before a court because of 'the nature of the judicial process, the independence of the judiciary and its decisions and the respect that the legislative and judicial branches of government owe to each other'.".

Dan ingħad b'referenza għall-kawża li saret mill-Office of Government Commerce vs the Information Commissioner fl-2008 fejn jingħad li:

> "the reason given for a ruling that a statement in the House of Commons did not give rise to a ligitimate expectation was that it was 'a statement of intent, made in an intensely political context and made not to a small or defined class but in effect to the public at large'."

U għalhekk:

> "The court implicitly recognised the distinction between political and legal accountability."

Ir-ruling huwa deċiż.